# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 55/2014**

Il-Pulizija

vs

**Leonard Buhagiar**

iben Joseph, imwieled Kirkop, fis-17 ta' Marzu, 1955, detentur tal-karta tal-identita' numru 233755(M)

Illum 6 ta' Novembru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Leonard Buhagiar quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli fit-tmienja (8) ta' Ottubru, tas-sena 2013 għall-ħabta tal-10.00 hrs u fil-jiem ta' qabel, fil-Parcel Post Office Ħal Qormi

1. Ittanta jew ikkonfoffa sabiex jikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaggi u cioe' dawk ir-restrizzjonijiet taħt regolamenti 4 (1) (e) u 4 (1) (f) tal- A. L. 79 tal-2006 hekk kif emendat u dan bi ksur ta' regolament 27 (1) (d) tal-A. L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

U aktar talli fl-istess ġurnata għall-ħabta ta' 11.30 hrs u fil-jiem ta' qabel fil-fond numru 12 'Sphinx'. Triq Nardu Ellul, Kirkop

2. Żamm xi għasfur, kemm ħaj kemm mejjet, jew parti minn għasfur, li l-kaċċa jew it-teħid tiegħu huma projbit taħt ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi, u cioe' Malvizz tas-Sidra Turdus torquatus, kontra d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti meta dak l-għasfur ma kienx ġie ddikjarat u reġistrat mal-Awtorita Kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u mingħajr ma ngħata il-permessi, jew ċertifikati mill-Awtorita' Kompetenti sabiex iżomm dak l-għasfur u dan bi ksur ta' regolament 4 (1) (e) ta' l- A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

3. Żamm għasfur, kemm ħaj kemm mejjet, jew parti minn xi għasfur mhux imsemmi fl-Iskeda II jew l-Iskeda III ta' r-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaggi, u cioe' Malvizz tas-Sidra Turdus torquatus meta dak l-għasfur ma kienx ittieħed fi Stat Membru ieħor fejn ikun jista' jittieħed jew jinqabad legalment taħt id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konsevazzjoni tal-Għasafar Selvagggi kif ukoll taħt il-liġijiet ta' dak l-Istat Membru l-ieħor u dak l-għasfur ma kienx miġjub f'Malta wara l-1 ta' Mejju, 2004 u dan bi ksur ta' regolament 4 (1) (f) ta' L-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

4. Naqas milli jżomm fil-pussess tiegħu u għall-perjodu kollu li kien fil-pussess ta' kampjun, u cioe' Malvizz tas-Sidra Turdus torquatus,il-permessi, ċertifikati u dokumenti oħrajn kollha li jippruvaw għas-sodisfazzjon tal-awtorita' kompetenti li dak il-kampjun ma kienx miksub kontra d-disposizzjonijiet ta' r-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaggi u dan bi ksur ta' regolament 4 (1) (f) tal- A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

5. Kellu fil-pussess tiegħu xi għasfur jew għasafar ibbalżmati li l-ispeċi tagħhom mhux inkluża fl-Iskeda III li tinsab ma' r-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaggi, u cioe' Malvizz tas-Sidra Turdus torquatus, u li ma kienux ġew reġistrati mas-Sezzjoni fiż-żmien stipulat fis-subregolament (6) ta' regolament 21 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 bi ksur ta' regolament 21 (5) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006.

U aktar talli fis-snin ta' qabel :

6. Ittrasferixxa jew b'xi mod ieħor iddispona minn xi għasfur imsemmi fis-subregolament (1) (e) ta' regolament 4 ta' r-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaggi (uħud inklużi fi Skeda I) mingħajr ma għamel talba lid-Direttur tad-Direttorat għall-Ħarsien ta' l-Ambjent fi ħdan l-Awtorita' ta' Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar u mingħajr ma kellu awtorizzazzjoni bil-miktub ta' dak it-trasferiment jew disponiment mingħand l-istess Direttur, bi ksur ta' regolament 4 (2) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-5 ta' Frar, 2014 fejn il-Qorti wara li rat ir-Regolamenti 4(1) (e), 4(1) (f), 27 (1) (d), 4(1) (e), 21, 21(5), 4(2) tal-A.L. 79 ta' l-2006 (S.L. 504.71) tal-Liġijiet ta' Malta, ma sabitx lill-istess Leonard Buhagiar ħati skont l-ewwel akkuża dedotta kontra tiegħu u għaldaqstant illiberatu minnha. Sabitu ħati skont l-akkużi numerate 2, 3, 4, 5 u 6 u għaldaqstant kkundannatu multa ta' hames mitt euro (€500).

Rat ir-rikors tal-appellanti Leonard Buhagiar minnu ppreżentat fis-17 ta' Frar, 2014 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt illi tikkonfermaha fil-parti fejn ma sabitx lill-appellant ħati ta' l-ewwel (1) imputazzjoni miġjuba fil-konfronti tiegħu, tħassaraha u tirrevokaha fil-parti fejn sabitu ħati tat-tieni (2), t-tielet (3), ir-raba' (4), il-ħames (5) u s-sitt (6) imputazzjoni miġjuba kontrih, u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, piena u ħtija; sussidjarjament tirriforma s-sentenza appellata in kwantu għall-piena mposta, u dan billi minflok tiġi mposta piena aktar ekwa u ġusta għall-fatti speċi tal-każ.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Fl-ewwel lok l-appellant jirrileva illi l-ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi prodotti.

Mix-xhieda tal-appellant, ikkorraborata bix-xhieda ta' ħuh Francis Buhagiar, irriżulta b'mod ċar u ampju, illi l-imputat kellu għadd kbir ta' tjur fil-pussess tiegħu, liema kienu kollha reġistrati u bil-permessi meħtieġa. It-tjur kollha tal-appellant, u cioe madwar mitejn, (200) instabu li kienu kollha in konformi mar-regolamenti u skond dak stipulat mil-liġi; għajr wieħed, u cioe il-malvizz tas-Sidra Turdus Torquatus. L-appellant fid-depozizzjoni tiegħu, spjega wkoll, li t-tjur tiegħu kienu

kollha reġistrati u jekk kien hemm xi tajra mingħajr permess, din kienet ċertament biss bi żvista, jew peress illi lanqas biss kien jaf bih.

Filfatt, ma tagħmel ebda sens, illi persuna bħal l-appellant, ikollu dawk t-tjur kollha ful-pussess tiegħu, bil-permessi neċessarji, u kollha skond il-liġi, għajr wieħed.

Filfatt, fil mori tal-kawża ddepona wkoll hu l-appellant, Francis Buhagiar fejn spjega ampjament il-provenjenza tal-Malvizz, li instab fil-pussess tal-appellant. Francis Buhagiar, għalliem tal-bijoloġija, spjega li l-Malvizz kien propjeta' tiegħu u li kien jagħmel użu minnu hu, u dan in konnessjoni max-xogħol tiegħu. Hu qal li kien tah lill-appellant, biex iżommulu mat-tjur l-oħrajn li għandu, u minħabba li l-istess appellant, kien għaddej minn problemi personali fil-ħajja tiegħu, huwa kien nesa kompletament mill-fatt li ħuh kien tah dan il-malvizz. Filfatt, waqt id-depozizzjoni tiegħu, l-appellant ezebixxa diversi dokumenti li juri ċar illi huwa affett minn dipressjoni qawwija.

Għalhekk jirriżulta ċar ampju illi l-appellant qatt ma seta kellu l-intenzjoni diretta u speċifika li jżomm dan il-malvizz fil-pussess tiegħu mingħajr il-permessi neċessarji. Huwa qatt ma seta kien jaf, jew kellu raġuni biex jaħseb, illi dan il-malvizz ma kienx skond dak rikjest mill-liġi.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi din hija kawża sommarja u peress li x-xhieda li nstemgħet quddiem l-Ewwel Qorti ma ġietx rekordjata u wisq anqas traskritta din il-Qorti kellha terġa' tisma' l-provi mill-ġdid.

Illi dan l-appell huwa dwar l-apprezzamet tal-fatti.

Illi hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi magħmul mill-ewwel Qorti jekk tasal għal konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni. F'dan il-kuntest wieħed jista' jara s-segwenti sentenzi:

Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deċiża fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deċiża fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deċiża fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deċiża fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deċiża fit-28 ta' April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deċiża fit-3 ta' Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef deċiża fit-18 ta' Marzu, 2010; kollha appelli kriminali.

Illi quddiem din il-Qorti xehdu l-ispettur Ramon Mercieca , Frans Buhagiar u l-appellant Leonard Buhagiar.

Illi mill-provi jirriżulta li l-appellant għandu kollezzjoni ta' madwar mitejn u ħamsin għasfur ibbalżmat .

Illi meta l-uffiċjal tal-MEPA flimkien mal-Pulizija iverrifikaw mal-listi tagħhom x'għasafar għandu fil-kollezzjoni irriżulta li kien hemm wieħed partikolari nieqes biss.

Fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti l-appellant jgħid li meta mar għandu Stanley Gatt kien infurmah li l-għasafar huma antiki għax kienu ta' missieru u peress li ħadd minn ħutu ma riedhom żammhom hu. Inoltre, infurmhom ukoll li l-għasafar kienu ġew reġistrati kemm fis-sena 1998 u fis-sena 2003. Meta s-Sur Gatt qallu li wieħed mill-għasafar mhux reġistrat, huwa irrabja għax ħassu rikattat. Ma jistax jiftakar għaliex ma kienx inmiżżel fil-listi li kien bagħat u l-unika raġuni li ġietu f'moħħu kienet li jista' jkun li meta għamel il-listi l-għasfur kien jinsab għand ħuh għax

ġieli ħa xi għasfur mill-kollezzjoni biex ipinġih umbgħad jagħtih lura .

L-istess appellant jgħid li waqaf iżid għasafar mall-kollezzjoni għax l-aħħar lista kienet tal-2003 u l-għasfur li ma kienx fil-lista huwa antik ħafna. Infatti, fix-xhieda tiegħu huwa jgħid li meta qalulu li dak mhux imniżżel qalilhom ' dak għandu iktar żmien minni.'

Meta xehed ħu l-appellant Francis Buhagiar huwa tefa' dawl ieħor dwar il-provenjenza tal-għasfur. Huwa irrakkonta fid-detall kif l-għasfur li hemm nieqes mill-lista kien tah lil ħuh. Huwa kien għalliem ġo skola , u fil-Laboratorju tal-Bioloġija kien hemm ħafna affarijiet ibbalżmati u fosthom kien hemm dan l-għasfur. Ġieli kien jieħu xi wieħed u jużah għall-lezzjonijiet tal-Arti . Xhur qabel ma ħareġ bill-pensjoni kien inkiser l-għasfur u ħadu għand ħuh biex jieħdu għand tassidermista biex jirranġah , iżda għadda minn problema ta' mard u dan l-għasfur insih kompletament. Meta qallu ħuh li l-pulizija marru jiċċekjaw x'għasafar għandu ftakar li hu kien tah dak l-għasfur partikolari għalhekk saħansitra ċempel id-Depot u kellem surgent tal-ALE biex jinfurmah li dak kien propjament propjeta' tal-Gvern u mhux ta ħuh.

Illi l-istess appellant ikkonferma li kien informa lil awtoritaijiet darbtejn bin-numru u t-tip t' għasafar li għandu, b'hekk jidher li ma kellux intenzjoni jitgħarraq bl-awtoritajiet bl-għasafar li kellu fil-kollezzjoni. Inoltre, r-raġuni li ta ħuh fix-xhieda tiegħu għal prezenza ta' dan l-għasfur fil-kollezzjoni hija plawsibbli biżżejjed. Għal din ir-raġuni ħa jkun hemm varjazzjoni fil-piena.

Għaldaqstant din il-Qorti qed tilqa' l-appell ta' Leonard Buhagiar, tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberaħ minn kull piena u ħtija.